**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**<u>Rikors nru: 409/2021 AGV ;</u>**

**AF**

**Vs**

**NG**

Il-Qorti rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 14 ta' Settembru 2021 fejn esponiet;

1. Illi l-partijiet zzewwgu nhar il-11 ta' Settembru 1994, hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;
2. Illi minn daz-zwieg il-partijiet kellhom tifel u cjoe' JG li llum ghandu 'l fuq minn 18-il sena u ghaldaqstant huwa maggorrenni ;
3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn xulxin ghal aktar minn erba' snin. Illi huma ssperaw legalment b' kuntratt redatt min-Nutar Elena Farrugia datat nhar it- 2 ta' Mejju 2006, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa, u mmarkata Dok B;

4. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli jew remot ghal rikoncilazzjoni bejniethom peress li ilhom snin mifruda u li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi l-esponenti u l-konvenut ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minn xulxin.
6. Illi dal-fatti jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili (Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja li z-zwieg bejn NG u AF, li gie ccelabrat nhar il- 11 ta' Settembru 1994, huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess, u ssir d-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenut, ingunt minn issa in subizzjoni.

Il-Qorti rat li l-konvenut ma pprezentax risposta u ghalhekk ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**